

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 138/2009

tal-4 ta' Diċembru 2009

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 (¹).
- (2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/264/KE tal-25 ta' Marzu 2008 dwar rekwiżiti ta' sikurezza kontra nnar li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandardi Ewropej għas-sigaretti skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/357/KE tat-23 ta' April 2008 dwar rekwiżiti ta' sikurezza għat-tfal li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandardi Ewropej għal-lajters skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDECIDIEK KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 3k (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE) fil-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim:

“3l. **32008 D 0264:** Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/264/KE tal-25 ta' Marzu 2008 dwar rekwiżiti ta' sikurezza kontra nnar li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandardi Ewropej għas-sigaretti skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 35)."

3m. **32008 D 0357:** Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/357/KE tat-23 ta' April 2008 dwar rekwiżiti spċifici ta' sikurezza għat-tfal li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandardi Ewropej għal-lajters skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 120, 7.5.2008, p. 11).”

### Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2008/264/KE u 2008/357/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubbliki fis-Supplimet taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

(¹) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.

(²) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 35.

(³) ĠU L 120, 7.5.2008, p. 11.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Oda Helen SLETNES

---

(\*) Ma huma indikati l-ebda ġtiġijiet kostituzzjonali.